MALTA

# BORD TA' ARBITRAGG DWAR ARTIJIET

**MAGISTRAT DR.
JOSEPH CASSAR**

Seduta ta' l-1 ta' Frar, 2006

Rikors Numru. 15/2003/1

Rikors Nru: 15/03

Kummissarju ta' l-Art

vs

Jane Barbara

Il-Bord,

Ra r-rikors tar-rikorrenti Kummissarju ta' l-Artijiet ipprezentat fit-2 t'April, 2003 fejn espona:

Illi l-intimata giet notifikata b'Avviz ghall-Ftehim datat 14 ta' Jannar, 2003 fejn giet infurmata li l-kumpens li l-awtorita' kompetenti hija lesta biex thallas ghax-xiri assolut bhala franka u libera tal-bicca art f'Haz Zabbar, tal-kejl ta' madwar 41 metru kwadru li tmiss mil-Lbic ma' proprjeta' ta' Jane Barbara, mil-Lvant ma' proprjeta' ta' Anthony Vincent Barbara u mit-Tramuntana ma' triq

pubblika, hija ta' elfejn hames mija u tmenin lira Maltin (Lm2,580) kif jidher mir-rapport tal-Perit Frederick H Valentino A&C.E. tal-5 ta' Dicembru, 2002 li kopja tieghu (Dok A) hija annessa ma' l-istess Avviz ghall-Ftehim.

Illi b'ittra ufficjali tas-6 ta' Frar, 2003 l-intimata fost affarijiet ohra tiddikjara li ma accettax il-kumpens offert u titlob li dan il-kumpens ghandu jkun ta' sebat elef u tnejn u sittin lira Maltin (Lm7,062.25).

Ghaldaqstant, ir-rikorrent jitolb bir-rispett li dan il-Bord joghgbu jordna lill-intimata biex titrasferixxi favur ir-rikorrent b'titolu ta' xiri assolut bhala franka u libera ta' bicca art fuq imsemmija, jiffissa kumpens relattiv, jinnomina lin-Nutar Vincent Miceli bhala Nutar tad-Dipartiment ta' l-Art jew lin-Nutar li jkun jaghmel minn floku biex jippubblika l-att relattiv f'dik il-gurnata, hin u lok li dan il-Bord joghgbu jistabilixxi, jinnomina kuratur biex jidher ghall-eventwali kontumaci fuq l-att u jaghti l-provvedimenti l-ohra kollha mehtiega skond id-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar l-Akkwist ta' Artijiet ghall-Skopijiet Pubblici (Kap 88).
Ra r-risposta ta' l-intimata pprezentata fis-6 ta' Frar, 2003 fejn esponiet:

Illi mhijiex taccetta l-kumpens lilha offrut ghax-xiri assolut bhala franka u libera ta' bicca art f'Haz Zabbar, tal-kejl ta' madwar 41metru kwadru, li tmiss mil-Lbic ma' proprjeta' tal-mittenti u mil-Lvant ma' proprjeta' ta' Anthony Vincenti Barbara u mit-Tramuntana ma' triq pubblika, liema kumpens propost huwa ta' Lm2580 (elfejn, hames mija u tmenin lira Maltin).

Il-mittenti qieghda titlob is-somma ta' Lm7062.25 (sebat elef u tnejn u sittin lira Maltin u hamsa u ghoxrin centezmu) bhala kumpens ghall-art hawn fuq imsemmija, skond ir-rapport tal-Perit Ronald Muscat Azzopardi, hawn anness (Dok A).

Ra li l-partijiet gew notifikati bl-atti kollha.

Ra d-digriet tieghu li bih gew mahtura periti teknici l-AIC Godfrey Vella  u l-AIC Michael Refalo.

Ra r-relazzjoni ta' l-imsemmija periti teknici

Semgha x-xhieda bil-gurament.

Ra l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkunsidra:

1. Ir-rikorrenti skond stima mehmuza qed joffri kumpens ta' Lm2580, l-intimata Lm7062.25.

2. Il-kumpens gust gie stmat mill-imsemmija periti fl-ammont ta' Lm2755.

Ghalhekk  il-Bord jordna lill-intimata li tittrasferixxi favur ir-rikorrent b'titolu  ta' xiri  assolut bhala  franka u libera ta' bicca  art f'Haz Zabbar, tal-kejl ta' madwar 41 metru kwadru li tmiss mil-Lbic ma' proprjeta' ta' Jane Barbara, mil-Lvant ma' proprjeta'  ta' Anthony Vincent Barbara u mit-Tramuntana ma' triq pubblika bil-kumpens ta' Lm2755.

Jahtar lin-Nutar Vincent Miceli jew lin-nutar li jkun qed jaghmilha floku bhala n-nutar tar-rikorrent biex jippubblika l-att fl-ufficju tar-rikorrent nhar id-29 ta' Marzu, 2006 fl-09:30a.m.; jahtar lill-avukat Guido Pace Spadaro biex jirrapprezenta fuq l-att ghall-kontumaci.

L-ispejjez ghandhom jigu sofferti mill-partijiet fi proporzjon li d-differenza fl-ammont offrut mill-awtorita'  kompetenti u dak hekk stabbilit mill-Bord ikollhom ghad-differenza fl-ammont mitlub mis-sid u l-ammont stabbilit mill-Bord.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------